MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 618/2011

**Paul Mercieca KI 8070G**

**vs**

**Vincenzo Leone KI 18257A**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-attur qed jitlob lill-konvenut il-hlas ta' Elfejn Mija u Disgha u Disghin Ewro u Tnejn u Hamsin centezmu (€2199.52) ghal xoghol ta' njam f'Palazzo De La Salle, Valletta, specifikament bieb u tliet persjani. Il-konvenut allega li x-xoghol ma kienx tajjeb izda xorta zamm u uza l-oggetti – li twahhlu minn haddiehor.
Bl-ispejjez kif mitlub fl-AVVIZ.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. Il-konvenut ghandu jigi liberat ghax m'ghandu ebda relazzjoni mal-attur.
2. Bla pregudizzju ghall-premess dak miktub hu infondat ghax l-attur: (a) abbanduna l-impjieg, (b) m'ghamilx ix-xoghol skond is-sengha, u (c) ikkaguna diversi danni lis-socjeta' li kienet inkarigatu.

## II PROVI

1. It-TRIBUNAL, fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2012 idderiega li jinstemghu qabel xejn provi fuq l-ewwel eccezzjoni u allura ordna l-inverzjoni tal-provi.

2. Vincenzo Leone (li xehed bl-Ingliz) beda biex esebixxa Dok VL1, VL2 u VL3 li jqishom "self explanatory".

Dok VL1 hu datat 24/09/2010 taht ir-ras ta' La Sana Casa Ltd u bil-firma ta' Vincenzo Leone bhala Direttur tas-Socjeta' msemmija fejn ilmenta li z-zmien li inghata lill-attur ghat-twahhil tal-aperturi f'Palazzo De La Salle kien skada u x- xoghol kien inghata lill-haddiehor.

Dok VL2 hi ittra datata 16/09/2010 u ggib l-istess firma u fiha l-attur, b'mod insistenti, inghata sal-24/09/2010 biex ilesti x-xoghol.

Dok VL3 hu *Delivery Note Mercieca Woodworks* lil *La Sana Casa Ltd* nru 000114 (bla data). Dana ghal "una porta" u "tre persiane".

3. Il-Konvenut ikkonferma l-kontenut ta' dawn id-dokumenti. L-*invoice* tindika lil min sar ix-xoghol. La Sana Casa kien anke qabbdu lill-attur jaghmillhom xoghol iehor. Il-konvenut hu biss direttur ta' dik is-socjeta'.

4. In kontro-ezami qal li x-xoghol kellu jitlesta f'Gunju 2010. Qabel intbaghtu z-zewg ittri msemmija hu kien diga' ilmenta mill-kwalita' tax-xoghol. L-attur kien gie kummissjonat f'Marzu/April 2010 u intqal lilu li kienu qed iqabbduh La Sana Casa Ltd. Dan kien xoghol b'rizultat ta'

*tender* tal-Gvern u fuq il-post kien ikun hemm perit tal-Gvern. Il-perit ma kellu ebda konnessjoni mal-kumpanija. L-attur anke kellem lis-segretarja tal-konvenut u dana ghax hu ma kienx jaf bil-Malti.

5. In kontro-ezami ulterjuri fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2012, mistoqsi jekk l-ewwel harigx *invoice* f'ismu u mbaghad talab li dan ikun f'isem il-kumpanija, il-konvenut wiegeb li dan ma jiftakrux. Hu kellu diga' xoghlijiet imqabbda minnu lill-attur izda l-*invoices* dejjem inhargu fuq isem il-kumpanija.

6. L-Attur Paul Mercieca xehed hekk immedjatament wara l-konvenut, u dana fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2012:

Jien nghid illi meta kellimt lill-Vincenzo Leone qatt ma semmili La Sana Casa Limited. Qatt ma tani x'nifhem li mhux qed jidher f'ismi (*recte:* f'ismu). Qed nigi muri Dok VL1 ricevuta rigwardanti xoghlijiet ohrajn fejn jiena ghamilt fejn kien involut Vincenzo Leone u nghid li normalment l-ircevuti tiehu hsiebhom il-mara. Id-dokument rigwardanti l-VAT receipt id-Dok VL4. Nerga' nghid li din l-ircevuta m'ghandhiex x'taqsam ma' dan ix-xoghol odjern. Jien skond li qaltli l-mara kien staqsa hu stess li l-affarijiet isiru fuq La Sana Casa Limited wara li hi originarjament kienet harget l-affarijiet fuq Vincenzo Leone.

7. Meta rega' xehed f'seduta sussegwenti l-attur qal li Leone qatt ma gharrfu li kien qed jitkellem ghan-nom ta' xi kumpanija. L-ewwel darba li sema' b'dak l-isem kien meta gie biex johrog l-*invoice* f'Ottubru/Novembru 2010. Hu smepliciment nizzel kif talbu l-konvenut. Hu qatt ma ra lil hadd hlief lill-konvenut.

8. Il-konvenut qal "jiena naf x'inhi kumpanija imma jien lilu naf, ma kontx naf lil kumpanija. Jien in-negozju xorta kont qed naghmlu ma' Vincenzo Leone ghalkemm l-*invoice* harget fuq is-socjeta'.

9. <u>Sandra Mercieca</u>, mart l-attur, qalet li hi tiehu hsieb il-parti amministrattiva ta' xoghol zewgha. Il-kont hargietu hi fuq id-dettalji li ta' Vincenzo Leone. Kienet prezenti

meta l-konvenut avvicina lil zewgha ghax-xoghol u qatt ma ssemmiet il-kumpanija. Din issemmiet meta l-konvenut beda joggezzjona ghax-xoghol.

10. Hawn gew, mill-attur esebiti Dok KC (ittra) u Dok KC2 (*statement of accounts*). Giet imbaghad imressqa Nota t'Osservazzjonijiet mill-konvenut (*a fol 72 et seq*) u Nota minn naha ta' l-attur b'risposta ghal dik ta' Vincenzo Leone (*a fol 62 et seq*).

**III KONSIDERAZZJONIJIET**

Wara li qies il provi mressqa kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri, it-TRIBUNAL iqis hekk:

1. Il-punt hawn involut hu dan: fit-trattattivi jew kuntatti li pprecedew l-inkargu, Vincenzo Leone kien qed jagixxi ghan-nom tieghu biss jew ghan-nom tal-kumpanija La Casa?. *Proprio* jew *Nomine*? Jew b'xi mod fiz-zewg vesti?

2. Di piu', u t-TRIBUNAL iqis dal-punt bhala <u>importanti</u>: din il-kwistjoni qamet <u>wara</u> li gie ntavolat l-AVVIZ jew qabel?

3. Hawn it-TRIBUNAL jinnota li fix-xhieda taghha Sandra Mercieca qalet li l-kwistjoni qamet meta l-konvenut beda joggezzjona ghax-xoghol. Dan ifisser li meta l-attur intavola l-AVVIZ, l-eccezzjoni preliminari ma setghetx ragjonevolment tissorprendieh. Dan qed jinghad ghax it-TRIBUNAL hu statutorjament obbligat li jkun fid-decizjonijiet tieghu gwidat ukoll minn konsiderazzjonijiet ta' ekwita. Jigifieri l-konvenut ma halliex din l-oggezzjoni mohbija u harigha biss wara li rcieva l-AVVIZ u ried iwiegeb ghalih.

4. Din il-kawza giet infatti mressqa fis-27 ta' Lulju 2011 u fl-ittra Dok VL1 (datata 24.9.2010) u l-ittra Dok VL2 (datata 16.9.2010) insibu li intuzat *letterhead* ta' L.A. Sana Casa Ltd u fit-tnejn Vincenzo Leone ffirma bhala Direttur.

5. Li l-attur jghid li hu halla f'idejn martu l-hrug tal-*invoice* u li din tghid li sempliciment kitbet kif qalilha l-konvenut mhu konvincenti xejn meta tqis li xoghlijiet ta' qabel kienu nhargulhom *invoice* fuq il-kumpanija. L-attur stqarr li hu jaf x'inhi kumpanija. Dan ifisser li hu jaf meta bniedem ikellmu f'ismu jew inkella f'isem kumpanija.

6. Il-provi kollha jippuntaw f'direzzjoni wahda; li l-konvenut agixxa *nomine*. Hu ftit stramb kif l-attur halla

barra ghal kollox mill-kawza lill-kumpanija msemmija u dana sa mill-bidu nett.

**IV DECIZJONI**

Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq it-TRIBUNAL jiddeciedi billi:

1. Jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut,
2. Jichad it-talba tal-attur, u

fic-cirkustanzi jiddeciedi li dwar spejjez tal-kawza dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontentendi. Dan kollu bla pregudizzju ghal kull azzjoni tal volta spettanti tal-attur *si et quatenus.*

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------